SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 17/K6/09

**Nru tal-laqgha minn 07/04/'94 – 30/04/'09** **246**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/04/'09** **299**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgha li saret nhar il-Hamis 30 ta' April 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, Triq Forrest, San Giljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Prezenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Richard Scicluna

1.05 Kien hemm prezenti l-Accountant is-Sur Louis Padovani kif ukoll il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur George Papagiorcopulo, MP&DC.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgha.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Agenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat fl-24 ta' April 2009. L-Agenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Revizjoni tal-Budget
4. Rapport Finanzjarju sal-31.03.09
5. Financial Statements
6. Progetti
7. Approvazzjoni ghall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Ic-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 14/K6/09 u 15/K6/09 ghall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/09 u 15/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsilliera Edgar Montanaro ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Ic-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 16/K6/09 ghall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/09.

1.3.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Ic-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi *Items 3, 4 u 5* qabel *Item 2.*

1.3.10 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**3 Revizjoni tal-Budget**

3.01 Il-Kunsill gie pprezentat b'kopja ta' l-estimi riveduti (Ara Appendici 'A').

3.02 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet riferenza ghall-korrispondenza (Inc.1294/09) minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja 2009-2010 u gibdet l-attenzjoni li l-estimi annwali gew riveduti skond

stuzzjonijiet fl-istess korrispondenza. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni ukoll ghall-fatt li gie allokat ammont fuq l-account nos. 3070 u 3090 minhabba li l-Kunsill ghandu l-hsieb li 'l-quddiem jissottometti applikazzjoni rigward il-progett tad-Dar ta' l-Anzjani.

3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-revizjoni tal-Budget.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Rapport Finanzjarju sal-31/03/09**

4.01 Il-Kunsill gie pprezentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31/03/09 (Ara Appendici 'B').

4.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

4.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31/03/09.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Financial Statements**

5.01 Il-Kunsill gie pprezentat b'kopja tal-Financial Statements sal-31/03/09 (Ara Appendici 'C').

5.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

5.03 Wara diskussjoni, l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

5.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Is-sur Louis Padovani gie skuzat fit-3.00 pm.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqeghdet il-korrispondenza li nqrat mic-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru | Korrispondenza |
|---|---|
| 1018 | Ittra minghand l-Ghaqda ta' l-Armar, Festa Madonna tal-Karmnu Balluta rigward Wirja tal-Gimgha Mqaddsa. |
| 1056&1057 | Ittra minghand l-ADT rigward tabelli '*vehicles to park the silencer facing outwards*' fi Pjazza Spinola, Triq Berta K.IIg u Triq Jean Houel. |
| 1085&1141&1807 | Ittri minghand it-TCTC u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni rispettivament dwar Computer Courses - ECDL Summer 2009 Club u Learn IT. |
| 1090 | Memo 16/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward l-Eghluq tas-Sena Finanzjarja 2008-09. |
| 1091 | Ittra minghand l-ASKLM rigward Certificate Course in Public Speaking. |
| 1150 | Ittra minghand il-Kazin tal-Banda San Giljan rigward kuncert fl-okkazjoni tal-Gimgha Mqaddsa. |
| 1203 | Ittra minghand l-Avv. Stefano Filletti rigward rikjesti ghall-kumpens. |
| 1217 | Ittra minghand is-Socjeta' Maltija ta' l-Ortikultura rigward The Great Spring Show. |
| 1218/1481/1782 | Ittri minghand l-Onorevoli Chris Said u l-ETC rigward 'Community Work Scheme'. |
| 1294 | Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigwrad l-allokazzjoni Finanzjarja 2009/2010. |
| 1465 | Ittra minghand l-ASKLM rigward pagament bhala kontribuzzjoni ghall-partecipazzjoni fil-konferenza ta' Strasbourg. |

1610 Ittra minghand l-Fondazzjoni OASI rigward l-attivita' Nazzjonali ta' Zaghzugh/a tas-Sena 2009.

1647 Ittra minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward l-iskeda finali tal-elezzjonijiet kif gew imhabbra fir-riforma tal-Kunsilli Lokali.

1727&1764 Memos 25/2009 u 25A/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward Fondi Specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali.

1790 Ittra minghand il-MEPA rigward il-UIF u CPPS Balance.

1819 Ittra minghand l-Ghaqda Piroteknika San Giljan rigward tournament tal-futbol fil-grawnd ta' Ta' Giorni.

1859 Ittra minghand l-Ghaqda tal-Festa Madonna tal-Karmnu rigward il-Festa tal-Balluta.

1869 Memo 28/2009 rigward Skemi dwar *Enterprise Support Award* u *Green Challenge Award*.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 1018

2.02 B'riferenza ghall-ittra minghand l-Ghaqda ta' l-Armar, Festa Madonna tal-Karmnu Balluta, gie deciz unanimament illi peress li din l-attivita' saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jinghataw l-ammont ta' €233 biex ikopru parti mill-ispejjez.

Rif. Nru. 1085 / 1141 / 1807

2.03 Peress li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport qed joffri korsijiet f'ECDL bla hlas gie deciz unanimament illi t-TCTC jigi nfurmat li ghalissa l-Kunsill mhux interessat li jaghmel dawn il-korsijiet.

Rif Nru. 1091

2.04 B'riferenza ghall-ittra minghand l-ASKLM rigward *Certificate Course in Public Speaking* gie deciz unanimament illi s-Segretarju

Ezekuttiv Helen Walker tattendi ghal dan il-kors ghall-ispejjez tal-Kunsill.

2.05 Ic-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tigi diskussa item 6 qabel titkompla Item 2 minhabba li kien hemm prezenti l-Perit Stephen Farrugia u s-Sur George Papagiorcopulo, MP&DC.

2.06 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**6 Progetti**

6.01 Ic-Chairman gharraf lill-Kunsill li talab lill-Perit Stephen Farrugia biex jaggorna lill-Kunsill bill-progetti.

***Dar ghall-Anzjani***

6.02 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi kif kien avzat il-laqgha mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Mario Galea saret fl-10 ta' Marzu 2009 (kopja tal-Minuti mehmuza - Ara Appendici ' D'). Waqt il-laqgha giet diskussa l-possibilita' li f'dan il-progett jigu nkorporati Car Park, Ufficcju tal-Kunsill, Berga, Librerija, Day Care Centre u Night Call Centre. L-Onorevoli Mario Galea wera li kien interessat f'dan il-progett u nforma lill-Kunsill li jekk dan isehh dan ghandu jsir id f'id mal-Gvern Centrali. Sakemm issir laqgha ohra mas-Segretarju Parlamentari, il-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) gie mitlub jipprepara d-dokumenti mehtiega.

***Car Parks / Dar ghall-Azjani (tkomlija)***

6.03 Il-Kunsill gie nfurmat illi saru laqghat kemm mac-Chairman tal-MEPA, s-Sur Austin Walker, kif ukoll ma' rapprezentanti ohra tal-MEPA fejn gie sottomess dokument preliminari (Rif K304/195/09 & Inc. 1434 & 1636/09) dwar proposti ghal Car Parks fil-Balluta, Triq Mikielangelo Borg u hdejn l-ITS. Waqt dawn il-laqghat sar accenn ukoll ghall-hsieb li ghandu l-Kunsill biex issir Dar ghall-Anzjani f'San Giljan. Dwar il-car parks il-Kunsill ghandu l-hsieb li ghalissa jsiru l-Car Parks tal-Balluta u ta' Triq Michelangelo Borg u li dawn jigu ffinanzjati mill-fondi ta' CPPS u billi ssir applikazzjoni ghall-fondi mill-EU. Parti minn dan il-progett jinkludi l-introduzzjoni ta' servizz ta' 'electric vehicles' **(Ara Appendici 'E')**. Il-Perit Stephen Farrugia rrakkomanda li l-Kunsill ikollu kontroll assolut fuq il-processi kollha nvoluti kemm ta' dan il-progett kif ukoll ta' progetti ohra.

6.04 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur George Papagiorcopulo taw spjegazzjoni inkluz power point presentation rigward il-progetti tal-Car Parks u d-Dar ghall-Anzjani.

6.05 Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament illi:-

- ✓ Il-Perit Stephen Farrugia jkompli bil-process kollu mehtieg biex isiru dawn il-progetti.
- ✓ Il-Kunsill ikollu kontroll assolut fuq il-processi kollha nvoluti kemm ta' dawn il-progett kif ukoll ta' progetti ohra.
- ✓ Is-Sur Papagiorcopulo jibaghat kopja tal-power point presentation lill-Kunsilll.
- ✓ Il-Kunsill qabel fil-principju li tinghazel option 2 tal-presentation li saret.
- ✓ Isir is-survey fuq is-sit fi Triq Michelangelo Borg.

***Move Together Poster Exhibition***

6.06 Ic-Chairman Peter Bonello ghamel riferenza ghall- korrispondenza li l-Kunsill ircieva (Rif Inc. 1555/09) rigward 'Framework Programme' msejjah **Move Together – Raising Citizens Awareness on Urban Transport** li tittratta dwar trasport urban sostenibbli (Ara Appendici 'F'). B'dan il-programm wiehed jista jibbenefika mill-fondi ta' l-EU ta' bejn €5000 u €10,000. Ic-Chairman gharraf lill-Kunsill li ha r-responsabbilita' biex ta l-istruzzjoni lill-MP&DC biex issir l-applikazzjoni biex jigi mtella' il-**Move Together Poster Exhibition**. Dan minhabba li din l-applikazzjoni kienet taghlaq fit-30 ta' April 2009 u peress li hemm il-hsieb tal-Kunsill li jigi ntrodott servizz ta' trasport permezz ta' 'electric vehicles' meta jsiru l-Car Parks fil-Balluta u Triq Michelangelo Borg.

***Skema dwar 'Accessibilita' Ahjar fil-Lokalita'***

6.07 B' riferenza ghall Memo 24/2009 ( Inc. 1490/09) rigward ***Skema dwar 'Accessibilita' Ahjar fil-Lokalita'*** il-Kunsill gie nfurmat illi fis-6 ta' April 2009 saret laqgha li ghaliha kienu mistiedna s-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi. Ic-Chairman gharraf lill-Kunsill illi wara din il-laqgha ha r-responsabilita' biex nghatat kopja ta' dan id-dokument lill-MP&DC sabiex jigu sottomessi d-dokumenti mehtiega biex il-lokalita' tkun aktar sostenibbli billi jkun hemm accessibilita' ahjar ghall-bahar:-

- ✓ fl-area ta’ hdejn il-Cavalieri Hotel (hdejn il-Banis);
- ✓ il-Balluta quddiem il-Knisja;
- ✓ quddiem St. Julian’s Pharmacy fi Triq Gorg Borg Olivier;

u biex il-latrini li hemm:-

- ✓ il-Balluta
- ✓ fi Triq Gorg Borg Olivier (faccata tal-LOVE) u
- ✓ fid-dahla tat-Tigullio jkunu aktar accessibbli (Ara Appendici ‘G’)

6.08 Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-hlas dovut lil-MP&DC sabiex jigu sottomessi dawn l-applikazzjoni. Hi ghamlet riferenza ghat-tender ta’ l-MP&DC, il-parti tal-Cost of Services & Insurance u ghall-korrispondenza 1887/2009 ( ara Appendici ‘H’ u ‘I’) u gibded l-attenzjoni li l-Kunsill / l-amministrazzjoni ghandu jkun infurmat b’kull applikazzjoni li ssir inkluz il-hlas li jkun dovut lill-MP&DC u li jigi ccarat, bil-miktub, l-ahhar sentenza ta’ l-inc. 1887/09. Hi spjegat li biex il-Kunsill ikollu kontroll fuq il-‘commitments’ kollha huwa mportanti li kull ordni jew talba li ssir tkun bil-miktub u tohrog mill-Kunsill. Hi ssoktat li l-Kunsill ghandu josserva r-regolamenti u l-proceduri.

6.09 Il-Perit Stephen Farrugia qal li kien ser jirrevedi u jiccara kemm ser ikunu l-fees tieghu.

6.10 Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament illi:-

- ✓ Jekk l-applikazzjonijiet ghall-fondi mill-EU jew xi fondi ohra, ikollhom ‘deadline’, u s-Sindku jidhirlu li l-Kunsill ghandu japplika, tinghata struzzjoni bil-miktub lill-MP&DC biex issir l-applikazzjoni sabiex ma tintilifx l-opportunita’;

- ✓ Il-Perit Stephen Farrugia jirrevedi u jiccara, bil-miktub, il-fees tieghu.

- ✓ Il-kontiiet ta’ l-MP&DC ghandhom jintbaghtu mmedjatament sabiex il-Kunsill jzomm rendikont tan-nefqiet.

***Triq Sant Elia***

6.11 Il-Kunsill gie nfurmat illi saru madwar 25% mix-xogholijiet fi Triq Sant Elia.

***Gnien Saver Zarb***

6.12 Il-Kunsill gie nfurmat illi x-xogholijiet tal-flooring u equipment tal-gnien lesti madankollu jonqos li jsir ir-railing. Ghaldaqstant il-MEPA mhux ser tghaddi aktar finanzi ghal dan il-progett qabel ma jsir (ir-railing).

6.13 Il-Perit ta r-raguni ghaliex ir-railings ma sarux; ghalhekk wara diskussjoni gie deciz unanimament illi jsir ir-railing fl-area tal-bandli.

***Gnien Dun Anton Sciberras***

6.14 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-MEPA ghadu ma harigx il-*Completion Certificate* ta' dan il-progett.

6.15 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-Kunsill illi jirrizulta li l-file gie *misplaced* mill-MEPA u ghaldaqstant kellu jerga jipprezenta pjanti godda biex ikun jista jinhareg il-*Completion Certificate*.

6.16 B'riferenza ghat-tender ghat-tmexxija ta' Gnien Dun Anton Sciberras ic-Chairman gharraf lill-Kunsill illi l-kuntrattur li ntghazel staqsieh verbalment jekk hemmx xi oggezzjoni li dan jigi *subcontracted* skond klawsola 55 ta' l-istess tender.

6.17 Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni illi l-kuntratttur ghadu ma rrispopndix bil-miktub ghal ittra li ntbaghtitlu fit-3 ta' Marzu 2009 (Rif. K0210/TendFl/08) u ma pprezentax id-dokumenti mitluba.

6.18 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li l-kuntrattur juza s-servizz ta' subcontractor dment li jigu pprezentati d-dokumenti kollha kif stipulat fit-tender.

***Monument Kommemorattiv***

6.19 Ic-Chairman Peter Bonello gharraf lill-Kunsill li talab lill-MP&DC jaghmel 'sketch' u stima ghall-monument li l-Kunsill jixtieq jaghmel biex jikkomemora l-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali (Ara Appendici 'J'). Peress li l-istima tlahhaq ammont ta' € 5940 ic-Chairman issuggerixxa li javvicina lill-Banif Bank biex jissponsorja dan il-progett.

6.20 Ma kienx hemm oggezzjoni.

6.21 Il-Kunsilliera Karl Gouder u Edgar Montanaro flimkien mal- Perit Stephen Farrugia u s-Sur George Papagiorcopulo gew skuzati fl-4.40pm**.**

6.22 Ic-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi items 7u 8 qabel titkompla Item 2.

6.23 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**7. Approvazzjoni ghall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Ic-Chairman ressaq il-pagamenti ghall-approvazzjoni (Ara Appendici 'K').

7.02 Ic-Chairman Peter Bonello ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Ic-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2607 sa 2641 ghall-approvazzjoni (Ara Appendici 'L').

8.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2607 sa 2641.

8.03 l-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji ohra qabel titkompla item 2.

8.06 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**9 Materji Ohra**

9.01 Saret riferenza ghal 'Zooming on Sustainability Conference' li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009, fil-Westin Dragonara Resort. Il-Kunsill gie nfurmat illi sar filmat dwar il-lokalita' biex jigi pprezentat waqt din il-konferenza filwaqt li nghatat kopja ta' dan id-DVD lill-Kunsilliera kollha.

9.02 Is-Segretarju Ezekuttiv gibded l-attenzjoni illi fil-21 t' April 2009 il-Kunsill ircieva statement minghand il-Mica Med Ltd datat 31/01/09 ghall-ammont ta' €9483.82 (Appendici 'M'). Hi ssoktat li hlief ghal Invoices Nri. 816, 849, 852, 903, 870, 907, 913, 914 u 915, li jammontaw ghal €1278.27 u li ghadhom mhux iccertifikati, il-

Kunsill ma rcieva l-ebda kont filwaqt li mir-rekords jidher li ma saret l-ebda talba bil-miktub mill-amministrazzjoni.

9.03 Wara diskussjoni qasira, ic-Chairman informa lill-Kunsill li kien ta direct order biex isiru x-xogholijiet. Gie deciz unanimament li l-Mica Med Ltd jigi mitlub jibghat il-fatturi u jithallas tax-xoghol li sar.

9.04 Il-Kunsill gie nfurmat illi:-

- ✓ Inxtrat il-photocopier (Ara Appendici 'N') u li gie ffirmat il-*full-service & maintenance agreement*;
- ✓ ser jinxtraw tlett (3) printers;
- ✓ ser jigi rrangat il-cabinet fejn hemm is-supply tal-kompjuters, u hemm bzonn li jizdiedu xi network points;
- ✓ is-sistema tal-kompjuters ta' l-amministrazzjoni ser tinbidel u ser jinxtara server u devices ohra. Dan biex il-Kunsill ikun aktar efficenti u sostenibbli.

9.05 Gie deciz unanimament illi s-Segretarju Ezekuttiv taghzel l-aktar offerti vantaggjuzi.

9.06 Gie deciz unanimament li ssir talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex Ms Connie Said, li bhalissa qed jinxtara s-servizz taghha, tigi mpjegata fuq bazi part-time u tizdied persuna ohra full-time minhabba x-xoghol kif zdied u peress li wahda mill-impjegati tahdem 'reduced hours'.

9.07 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi wara li s-sidien tar-Ryan's Pub ghamlu talba biex jaghmlu Big Screen fid-dahla tat-Tigulio biex jintwera c-Champions League dawn baqghu ma gewx jaghmlu u jhallsu l-permess biex jaghmlu din l-attivita'. B'Konsegwenza li t-tnieni persuna li applika ghall-istess attivita' tilef ic-cans. Il-hlas ghal dan il-permess kien jammonta ghall €3019.63 (Ara Appendici 'O').

9.08 Wara diskussjoni gie deciz unanimament illi, minhabba li s-sidien tar-Ryans tellfu dhul lill-Kunsill, jittiehed parir legali u tittiehed l-azzjoni mehtiega.

9.09 Gie deciz unanimament li jsiru Bye-Laws biex ma jsirx biegh fuq l-bankini u ma jinstaqux bicycles fuq l-bankini.

9.10 Il-laqgha giet aggornata fil-4.45 pm ghal nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2009 fis-2.00pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |